**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 128/2018 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark A. Mercieca)**
**vs**
**Jason Paul Jones**

**Illum 20 ta' Settembru 2021**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Jason Paul Jones iben Peter u Maria Dolores nee' Galea, imwieled gewwa Liverpool Ingilterra, nhar l-1 ta' April, 1970, residenti 135, Fl 7, Triq ix-Xatt, Pieta' detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 519792M.

Akkuzat talli nhar is-6 ta' Dicembru, 2017 f'xi hin filghodu gewwa Triq ix-Xatt, Pieta':

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Anthony Camilleri f'periklu car, ikkagunalu griehi ta' natura gravi, hekk kif iccertifikat Dr. Anna Micallef, Med reg 4146 ta' l-isptar Mater Dei; Art 214, 216 Kap 9;

2. Aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanza, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju; Art. 338(dd) Kap 9;

Il-Qorti hija mitluba tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Anthony Camilleri.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Mark Mercieca qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 22 ta' Marzu 2018.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', personal details; fedina penali; stqarrija datata 22 ta' Jannar 2018; dikjarazzjoni ta' rifjut ghad-dritt tal-parir legali; certifikat mediku; okkorrenza; u kunsens tal-Avukat Generali.

Rat ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni li huma WPS 256 Leanne Sant; Dr. Anna Micallef; id-dentista Dr Rebecca Schembri Higgans.

**WPS 256 Leanne Sant** tispjega illi fis-6 ta' Dicembru 2017 ghal habta tal-10:30 a.m. hija giet infurmata mill-orderly taghha li certu Jason Paul Jones ghamel rapport gewwa l-Ghassa tal-Msida kontra Anthony Camilleri fuq insulti u theddid. Hija kienet bghatet ghal Anthony Camilleri fejn qabel ma gie mitkellem minnha inghata dritt li jikkonsulta ma' Avukat illi huwa kien irrifjuta. Kienet haditlu l-verzjoni tieghu li tinsab imnizzla fir-rapport taghha kif wkoll ghaddhielha zewg certifikati medici ta' griehi gravi. L-investigazzjoni bdiet fuq insulti u theddi izda rrizulta li Anthony Camilleri u Jason Paul Jones gew fl-idejn. Tikkonferma li Anthony Camilleri rrizulta li kellu griehi ta' natura gravi stante li kellu griehi f'wiccu u sahansitra kellu anke l-punti. Tispjega li hija qatt ma ltaqghet ma' Jason Paul Jones izda l-kuntatt bejniethom kien isir permezz tal-emails.

**Dr. Anna Micallef** tispjega li hija tahdem il-Floriana, Gzira u Hal-Qormi. Tghid li d-dokument al fol 9 tal-process huwa rapport tal-Pulizija li hi kienet harget fis-6 ta' Dicembru f'11:50 a.m. Hija ezaminat lil Anthony Camilleri fejn ikkonstatat li kellu ferita miftuha fil-genb tal-ghajn il-leminija b'forma vertikali, tul ta' centimetru u nofs u fond ta' zewg millimetri li kellha bzonn il-punti. Kellu tbengila mal-ghajn il-leminija u rreferietu ghall-Isptar Mater Dei. Ikklassifikat il-griehi bhala ta' natura gravi. Hija ma tiftakarx jekk Anthony Camilleri kienx liebes nuccali jew le.

**Dr. Rebecca Schembri Higgans** tispjega li hija rat lil Jason Paul Jones fis-7 ta' Dicembru 2017 gewwa Dental Out-Patients Mater Dei fid-dipartiment tal-Emergenza. Ezaminatu u ghamlet x-ray tax-xedaq u snien fejn irrizulta li kien hemm ksur fix-xedaq in-naha tax-xellug. Meta giet murika fol 11 tal-process bil-kumpilazzjoni numru 129/2018, hija kkonfermat li d-dokument kien l-istess certifikat mediku li rriferiet ghalih.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'dan il-kaz kull ma xehdu huma biss tobba u Ufficjal tal-Pulizija li kien ha r-rapport ta' dak li gara. Illi jidher ukoll li l-parte civile qatt ma xehed f'dawn il-proceduri. Illi l-Qorti ma tistax tistrieh fuq il-verzjoni tal-fatti li sema' haddiehor. Illi din il-Qorti tal-provi u biex persuna jinstab hati l-prova mressqa ghandhom ikunu minghajr ombra ta' dubju li jwasslu ghal htija tal-persuna. Illi f'dan il-kaz il-Qorti semghet biss xhieda li taw verzjoni li ta l-imputat (ghalkemm WPS 256 qalet li komunikat mieghu biss tramite email) ghax kellmet biss lil Anthony Camilleri. Illi ghalhekk dawn il-fatti li ntqalu lilha huma biss *detto del detto* u fic-cirkostanzi bhal dawn meta lanqas il-parte civile ma xehdet, il-Qorti ma tistax fuq dak li ntqal li qal haddiehor u cioe' fuq dak li sema' twassal ghal xi htija.

**Decide:**

Ghaldaqstant din il-Qorti fuq nuqqas ta' provi qieghda tillibera lill-imputat minn kull akkuza kontra tieghu.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Dr. Federico Barbaro-Sant**
**Deputat Registratur**